MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2011

Talba Numru. 43/2011

**Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited**

**vs**

**Gaetano Falzon**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-18 ta’ Jannar 2011, fejn intalab li l-konvenut jigi ikkundannat jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf, hames mija u hamsa u tlettin Euro u (€1535.00) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi, u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Sema ix-xhieda tal-konsulent legali tas-socjeta attrici fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2011 li kkonferma bil-gurament illi l-ammont ghadu dovut fl-intier tieghu u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta' attrici is-somma elf, hames mija u hamsa u tlettin Euro (€1535.00) bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------